KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI
ĦAL LIJA
TEL NO : 21416101 FAX : 21416941

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 82

**Data tal-laqgħa: Il-Tlieta 27 ta' Novembru 2018**

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Robert Mifsud Bonniċi, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Magda Magri Naudi – Sindku
Stephanie Cutajar– Viċi Sindku (waslet fil-5.20pm)
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Salvu Farrugia – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Ma kien hemm ebda membru assenti b`apoloġija.

### ASSENTI:
Massimo Scerri – Kunsillier

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Deputat Segretarju Eżekuttiv (Deputat SE)

## Minuti

Is-Sindku Magda Magri Naudi, ippresediet il-laqgħa.

## 82.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

82.1.1 Ma kienx hemm ittri ta` apoloġiji.

## 82.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 81

82.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-Wieħed u Tmenin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

82.2.2 Is-Sindku staqsiet jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti.

82.2.3 Fuq proposta tal-*Minority Leader*, Lorraine Farrugia li kienet issekondata mis-Sindku Magda Magri Naudi, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 82.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

82.3.1 **Para 81.9.5.1 – 81.9.5.3 – Ilment dwar okkupar tal-parkeġġ bi bramel**
Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia staqsiet x’kien sar fuq dan l-ilment. Id-Deputat SE infurmat li s-Sorijiet kienu ġew infurmati u qalulna li dan kien każ ta’ darba għax kien każ ta’ emerġenza. Huma ġew infurmati biex għal darb’oħra jkellmu l-Kunsill u noħorġulhom tabelli tan-*No Parking*.

82.3.2 **Para 81.8 – *Update* fuq Erasmus**
Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li bagħtet ittra ta’ ringrazzjament lill-Hannah, kif ukoll lill-Sztukater Association għall-koperazzjoni tagħhom fil-proġett tal-Erasmus.

82.3.3 **Para 81.3**
Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li dwar il-kwistjoni tal-*One-Way System,* kienet iltaqgħat ma’ Clayton l-assistent tal-perit fuq il-post biex tispjegalu kif qed tiġi proposta, peres li TM talbu li l-Kunsill jissottomessi l-pjanti neċessarji dwar il-proposta. Kif il-pjanti jkunu lesti, ser jintbagħtu lill-TM.

**Is-Sindku talbet li tinbidel l-ordni tax-xogħol biex l-*item* li jmiss (82.4) tiġi diskussa aktar tard peress li l-Viċi Sindku Stephanie Cutajar kienet għadha ma waslitx. Il-Kunsill qabel unanimament u għadda biex jiddiskuti *item* 82.5.**

## 82.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

82.5.1 Il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia staqsiet jekk il-Kunsill jafx x’ser jagħmlu fl-*area* ta’ Ħalmann peress li hemm diversi marki ħomor fit-triq (minn fejn il-Kunċizzjoni saċ-ċimiterju). Is-Sindku qalet li l-Onor. Silvio Parnis kien infurma li dik it-triq ser ssir minn *Infrastructure Malta*. Id-Deputat SE ser tiċċekkja dwar dan.

**F’dan il-ħin (5.20pm) daħlet il-Viċi Sindku Stephanie Cutajar għall-laqgħa.**

82.5.2 Il-*Minority* Leader staqsiet jekk jistgħux isiru *double yellow lines* fi Triq Dun Karm Lia faċċata tal-Kunsill (li ma tinfidx), għax qed jipparkjaw fuq iż-żewġ naħat tat-triq u r-residenti ma jkunux jistgħu joħorġu mill-garaxxijiet. Ser tiġi ċċekjata l-*area* u napplikaw għal permess ma’ TM.

## 82.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

**F’dan il-ħin (5.35pm) ġiet sospiża l-laqgħa biex is-Sindku tagħti *feedback* fuq il-laqgħa li kellha mal-Onor. Silvio Parnis. Il-laqgħa kompliet fil-5.39pm.**

82.4.1 ***Pitch* tal-*five a side***
Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li fuq dwar il-*pitch* tal-*five a side* li hemm l-iskola primarja, il-ftehim li ffirma l-Kunsill kien validu għal 10 snin. Dwar dan is-Sindku kitbet lill-Ministru tal-Edukazzjoni (ittra annessa – Dok 1). Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Ministeru qed jiċċekkja dwar dan u qed nistennew risposta.

82.4.2 **<u>Spralli fi Triq Sant'Andrija</u>**
Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li quddiem is-Sorijiet ta' Triq Sant'Andrija hemm 2 spralli. Is-Sorijiet qed jgħidu li qed tiffladjalhom il-kantina. Is-Sindku infurmathom li l-ispralli jitnaddfu mill-Kunsill u għalhekk huma l-ewwel għandhom jiċċekkjaw bil-perit tagħhom biex jaraw minn fejn qed jidħol l-ilma u jerġgħu ikellmuna.

82.4.3 **<u>Mitħna fi Triq Annibale Preca</u>**
Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li hemm li jiġi rranġat xi ġebel (tal-franka) man-naħa tal-ġenb tal-Mitħna. Dan ix-xogħol ser isir meta jiġu l-ħaddiema tar-Reġjun. Is-Sindku qalet ukoll li residenta offriet li tħawwel xi pjanti fil-biċċa l-vojt li hemm man-naħa tagħha. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li l-passaġġ għandu jitħalla liberu.

## 82.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

82.6.1.1 **<u>Rapport Finanzjarju għat-tielet kwart minn Jannar sa Settembru 2018</u>**
Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għat-tielet kwart minn Jannar sa Settembru 2018 (anness). Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

82.6.1.2 Il-Kunsilliera raw dan ir-rapport u fuq proposta tal-*Minority Leader* Lorraine Farrugia, li kienet issekondat mill-Kunsillier Salvu Farrugia, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

82.6.2.1 ***<u>Tender for the Upkeep and Maintenance Services of Parks, Gardens and Soft Areas using environmentally friendly products and practices – LLC/03/2018</u>***
Is-SE infurmat lill-Kunsill li ppreparat id-dokument għas-sejħa għall-offerti għall-*Upkeep and Maintenance Services of Parks, Gardens and Soft Areas using environmentally friendly products and practices* – LLC/03/2018. Kopja tad-dokument ingħata lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

82.6.2.2 Il-Kunsill talab li tiżdied il-frekwenza tat-tħawwil ta' pjanti staġjonali għal tliet darbiet fis-sena.

82.6.2.3 Id-dokument ġie approvat unanimament mill-Kunsill. Is-SE se tibda l-proċess biex toħroġ is-sejħa għall-offerti.

82.6.2.4 Il-Kumitat tal-Evalwazzjoni se jkun magħmul minn dawn il-membri:
Chairperson: Is-Sindku Magda Magri Naudi
Evalwaturi: Ser jiġi ċċekjat mar-Reġjun Ċentru jekk għandhomx evalwaturi li jistgħu jintużaw mill-Kunsill. Jekk m'għandhomx, jiġi ċċekkjat jekk l-evalwaturi li evalwaw it-Tender tat-tindif u manutenzjoni tal-latrini humiex disponibbli.

## 82.7 *Citrus and Harvest Festival* 2019

82.7.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li din l-attivita' se ssir fit-tielet Ħadd ta' Jannar (20/12/2019) minflok fit-tieni Ħadd peress li se jkun hemm Festa Ċitru fil-Ġonna ta' San Anton.

82.7.2 Se jiġi ċċekkjat jekk l-ITS humiex interessati jipparteċipaw billi jarmaw bl-ikel. Il-Kunsill ser jipprova wkoll jarma *stand* b'ċitru u affarijiet relatati minn Sqallija. Is-Sindku ser tieħu ħsieb l-organizzazzjoni ta' din l-attivita'.

## 82.8 Proġetti li ser isiru mill-fondi tad-*Development Planning Fund* u Sebbaħ il-Lokali

82.8.1 ***<u>Development Planning Fund</u>***
Id-Deputat SE infurmat lill-Kunsill li l-applikazzjoni biex issir il-parti ta' ġewwa *Part C* u *Part* D ta' Sqaq Nru. 2, Triq Preziosi *b'concrete imprint,* iddaħħlet għand il-*Planning Authority*. L-ispiża qed tiġi stmata li tammonta €28,870.44 (€19,453.76 għal *Part* C u €9,416.68 għal *Part* D). Id-Deputat SE qalet ukoll li m'hemmx biżżejjed fondi biex isir Sqaq Nru. 1, Triq il-Kunċizzjoni.

82.8.2 **<u>Fondi Sebbaħ il-Lokali</u>**
Id-Deputat SE infurmat lill-Kunsill li ġie ordnat is-*survey* tal-livelli tal-bandli li ser jiġi jiswa €1,680.

## 82.9 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

82.9.1.1 **__*Qualification Allowance* għall-Uffiċjal Eżekuttiv__**
L-Uffiċjal Eżekuttiv Pamela Borg qed tagħmel talba lill-Kunsill għall-*Qualification Allowance,* skond Ċirkulari Nru 23/2017 maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, peress li għandha *Bachelor of Arts (Honours) in Sociology.*

82.9.1.2 Il-Kunsill approva li għandha tingħata l-*Qualification Allowance* peress li skond il-lista elenkata f`Appendiċi A tal-*Manual of Allowance,* din il-kwalifika għandha relazzjoni diretta man-natura tax-xogħol tagħha. Dan l-*Allowance* ser jibda jingħata b'effett minn dan ix-xahar.

82.9.2 **__Laqgħa Annwali tal-Lokalita` 2018__**
Id-Deputat SE infurmat li kien wasal iż-żmien biex tiġi deċiża d-data għal Laqgħa Annwali tal-Lokalita` 2018. Kien hemm qbil li din il-laqgħa għandha ssir nhar il-Ħamis 20 ta` Diċembru fis-6:30pm.

82.9.3.1 **__Saħħa u Sigurta' tal-impjegati fl-uffiċċju tal-Kunsill__**
Id-Deputat SE infurmat lill-Kunsill li wara l-każ li ġara fuq waħda mill-impjegati, hemm bżonn li jsir xi ħaġa fil-*customer care area* sabiex l-impjegati jkun sikuri. Ġie deċiż li tiġi nstallata *CCTV camera* li tkun tirrekordja bis-*sound* u titwaħħal tabella li turi biċ-ċar li hemm *camera*.

82.9.3.2 Id-Deputat SE infurmat ukoll li, bil-liġi, ħaddiema li jagħmlu użu regolari tal-*computer* huma intitolati għal *test* tal-vista darba fis-sena. Dan it-*test* irid jitħallas mill-Kunsill. Il-Kunsill unanimament approva li jiffinanzja dan it-*test* għall-impjegati tal-uffiċċju.

82.9.4.1 **__Ħin tal-ġbir ta' skart__**
Id-Deputat SE infurmat lill-Kunsill li skond il-liġi, ma jistgħux jinħarġu boroż aktar minn 4 siegħat qabel il-ħin tal-ġabra. Peress li l-ġbir ta' skart mill-lokalita' qed isir fis-1.30pm, din ser tkun problema għal kull min jaħdem, għax skart ma jistax jinħareġ qabel id-9.30am.

82.9.4.2 Ġie deċiż li ninfurmaw lill-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima li l-kuntratt tal-ġbir ta' skart jinġabar mis-1.30pm il'quddiem. Ninfurmawhom ukoll li l-maġġor parti tar-residenti joħorġu kmieni filgħodu u ma jistgħux jagħmlu mod ieħor ħlief li joħroġu l-iskart qabel l-4 siegħat stipulati fil-liġi. Meta l-Kunsill jasal biex joħroġ sejħa ġdida għall-offerti, jibdel il-ħin tal-ġbir għal filgħodu.

82.9.5.1 **__Presepju Ħaj 2018__**
Qed issir talba mis-Soċjeta' San Pio X u Sant'Andrija sabiex tingħalaq parti minn Triq Ramiro Barbaro u ma jsirx *parking* fl-akwati fil-ġranet u l-ħinijiet li jkun miftuħ il-Presepju Ħaj 2018. Dan qed jintalab biex ma jkunx hemm konġestjoni tat-traffiku u għal estetika tal-presepju għaliex mistenni li jżuruh ħafna nies.

82.9.5.2 Il-Kunsill unanimament approva din it-talba.

82.9.6.1 **__Ħofor ġewwa Halmann Area__**
Qed jiġi nnutat l-istat diżastruż li tinsab fih it-triq. Il-Kunsill kien qabbad kuntrattur biex jagħmel xogħol ta' manutenzjoni fiha f'Awwissu 2018. L-ispiża biex ġiet irranġata t-triq tammonta għal €4,997.30.

82.9.6.2 Il-Kunsill unanimament qabel li ninfurmaw lill-kuntrattur li għamel dawn ix-xogħlijiet bil-ħsarat.

82.9.7.1 **__Sistema kompjuterizzata biex jiġu storjati l-*emails*__**
Id-Deputat SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill kwotazzjoni rigward sistema kompjuterizzata biex jiġu storjati l-*emails.* Ir-rata hija ta' €35 fis-siegħa (VAT eskluż) u bejn wieħed u ieħor hemm bżonn madwar 4 siegħat.

82.9.7.2 Il-Kunsill unanimament approva li ssir din is-sistema.

82.9.8.1 **__Diversi talbiet minn resident__**
Resident li joqgħod fi Triq Tabor qed jitlob biex issir mera fil-bidu tat-triq biex karozzi li jkunu ħergin mit-triq jkunu jistgħu jaraw minn ikun għaddej minn fuq il-bankina biex jiġi evitat xi aċċident. Il-Kunsill qabel li napplikaw għal permess ma' TM biex issir mera.

82.9.8.2 Qed jitlob ukoll biex viċin l-i*stage* issir tabella fuq *pole* li tgħid '*standby vehicles should switch off their*

*engines*'. Qed ikun hemm ħafna *coaches* filgħodu li jiġbru lit-tfal jew anke t-trasport pubbliku kmieni qabel il-ħin u joqgħodu jistennew bil-magna mixgħuwlha. Dan jirriżulta biss fi dħaħen tal-*exhaust* li kollu qed jidħol għand ir-residenti li mhux tajjeb għas-saħħa. Il-Kunsill unanimament qabel li napplikaw għal permess ma' TM.

82.9.9.1 **<u>Talba biex jiżdiedu *parking bays*</u>**
Residenta qed tagħmel talba biex jiżdiedu l-*parking bays* fi Triq N.Cottoner, Ħal Bordi u Tal-Mirakli. Hemm fejn jiżdiedu aktar parkings għax hemm kaxxi eżistenti li huma kbar ħafna u joqgħodu żewġ karozzi fihom. Anke hemm ħafna *double yellow lines* twal li jisgħtu jiċkienu u jsir *parking* flokhom.

82.9.9.2 Ġie nnutat li dawn il-*parking bays* qegħdin skond l-i*specifications* ta' TM. Ġie deċiż li minflok kaxxi isiru *dotted white lines.*

82.9.10.1 **<u>Latrina tal-pjazza</u>**
Resident qed jilmenta li fil-latrina tal-irġiel hemm *flushing* mhux jaħdem, hemm *seat* tat-*toilet* nieqes, kif ukoll fil-passat kien hemm tip ta' *toilets* imwaħħlin mal-ħajt għal irġiel li m'għandhomx hemm.

82.9.10.2 Il-kuntrattur li jieħu ħsieb il-latrini ser jiġi nfurmat biex jiċċekkja u jirranġa l-ħsarat. Il-Kunsill qabel li għandu jinħareġ *warning* lill-kuntrattur għax hu għandu l-obbligu li jinfurma lill-Kunsill immedjatament meta jkun hemm xi tip ta' ħsara u għandu obbligu wkoll li l-ħsara tissewwa.

82.9.11.1 **<u>Tiġdid tal-ħatra tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv</u>**
Peress li l-ħatra tad-Deputat SE hija valida għal 90 jum, valida mill-1 ta' Settembru 2018, il-ħatra ta' Doriette Farrugia ser tiskadi fit-30 ta' Novembru 2018.

82.9.11.2 Il-Kunsill unanimament approva li jġedded in-nomina tad-Deputat SE, Doriette Farrugia.

82.9.12.1 **<u>Risposta mingħand l-Onor. Silvio Parnis</u>**
Ġiet innutata r-risposta tal-Onor. Silvio Parnis (annessa – Dok 2) għall-*email* li ntbagħtet mis-Sindku, bil-punti diskussi fil-laqgħa li kellhom.

82.9.12.2 Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li sabet proprjeta' li tinsab wara l-uffiċċju tal-posta għal bejgħ, li tista' faċilment tiġi kkonvertita f'uffiċini. Din il-proprjeta' hija aċċessibli għal kullħadd u t-talba hija ta' €230,000.

82.9.12.3 Ġie deċiż li nibgħatu lill-Onor. Parnis u ninfurmawh li:

1. Il-kera tal-uffiċċju preżenti minn dan ix-xahar ser tgħola minn €700 għal €1,000 fix-xahar.
2. Ġie identifikat post alternattiv, li jinsab għal bejgħ. Jekk jikkunsidrax li l-post jinxtara mill-Gvern Ċentrali u jiġi offrut b'kera lill-Kunsill.
3. Jekk le, nitolbu dwar il-possibilta' li jinxtara mill-Kunsill, permezz ta' *loan* mill-bank mingħajr ma jsir referendum.

82.9.12.4 Dwar ir-risposta għal punt nru. 3, il-*Minority Leader* Lorraine Farrugia irrimarkat li parti mill-art (in-naħa tas-*substation*) li l-Kunsill kien indika fi Triq Mansweta k/m Triq Kardinal Ferretti hija proprejta' tal-Gvern u li suppost il-Kunsill għandu pjanti li jindikaw dan. Ser ninfurmaw lill-Onor. Parnis f'dan ir-rigward.

82.9.13.1 **<u>Talba għal *Reserved Parking Bay* quddiem *St. Peter's Home*</u>**
*St. Peter's Home* fi Triq Sir Ugo Mifsud qed jitolbu biex issir *Reserved Parking Bay* quddiem il-*home* għax ma jistax jkun li kull darba li jridu joħorġu b'xi ħadd bil-*wheel chair* joqgħodu jiġu l-Kunsill jagħmlu tabelli tan-*No Parking* speċjalment jekk din tkun xi ħaġa bla ħsieb bħal emerġenza. Jilmentaw li ta' kuljum qed jkun hemm il-karozzi jagħlqu l-entratura u għalhekk kienu qed jagħmlu l-i*stands* li l-kunsill riċentament ġelhom ineħħuhom.

82.9.13.2 Ġie nnutat li quddiem ir-rampa diġa' hemm *un/loading bay*. L-*area* ser tiġi ċċekjata u jekk mhux ser jintilef *parking* napplikaw għal permess ma' TM biex issir *grid box* quddiem ir-rampa.

82.9.14.1 **<u>Parkeġġ ħażin fi Triq Giuseppe Cali k/m Triq Robert Mifsud Bonnici</u>**
Residenta li toqgħod fi Triq Giuseppe Cali qed titlob l-intervent tal-Kunsill dwar problema ta' parkeġġ irregolari li qed ikun hemm f'kantuniera ma' Triq Robert Mifsud Bonnici. Ir-residenta qed tgħid li jkun ferm diffiċli biex toħroġ minn Triq Giuseppe Cali għax ma tarax min ikun ġej minħabba karozzi li jkunu pparkjati ħażin.

82.9.14.2 Il-Kunsill innota li din kwistjoni ta' infurzar u għalhekk ser jiġu nfurmati l-Pulizija u l-Uffiċjali tal-Komunita' sabiex isir l-infurzar meħtieġ.

82.9.15.1 ***Three Villages Heritage Society***
Il-Kunsill qed jiġi nfurmat bl-intenzjoni li tiġi stabillita NGO relatata mat-*Three Villages Heritage* u għalhekk qed jintalab l-appoġġ tat-tliet Kunsilli involuti. Qed tintalab l-assistenza tal-Kunsill speċjalment fir-rigward li jiġi pprovdut post fejn jistgħu isiru l-laqgħat meta tiġi rreġistrata l-organizzazzjoni.

82.9.15.2 Il-Kunsill qabel li l-laqgħat jistgħu jittellgħu l-uffiċċju tal-Kunsill, bil-kundizzjoni li l-Kunsill ikun infumat minn qabel bil-ġranet u li l-laqgħat isiru fil-ħinijiet ta` l-uffiċċju.

82.9.16.1 **Ftehim Ħaddiema fuq Skemi (RSSL u CWSEF)**
B`referenza għall-laqgħa li saret nhar l-Erbgħa 31 ta` Ottubru 2018, ġewwa l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, qed jiġi ppreżentat il-ftehim li ġie ffirmat bejn l-Assoċjazzjoni, l-RSSL u l-CWSEF, rigward il-Ħaddiema fuq Skemi mal-Kunsilli Lokali.

82.9.16.2 Waqt din il-laqgħa ġie spjegat, li dan il-ftehim mhuwiex impost fuq il-Kunsilli Lokali imma l-Assoċjazzjoni mhux ser tkun tista` toffri l-assistenza tagħha f` dan ir-rigward lil dawk il-Kunsilli li jiddeċiedu li ma jintrabtux bċdan il-ftehim. L-iskop ta` dan il-ftehim huwa li jkun hemm uniformita` fis-sistema u anki nissalvagwardjaw l-interessi tal-Kunsill filwaqt li nħarsu l-interessi tal-ħaddiema kkonċernati.

82.9.16.3 F`dan ir-rigward, il-Kunsill unanimament m'approvax li jkun parti minn dan il-ftehim għax il-kumpanija tal-CWSEF għandha tibqa' tħallas il-*Performance Bonus* u mhux jiġi mpost fuq il-Kunsill.

82.9.17.1 **Ħsara f'dar nru. 128 fi Triq Annibale Preca**
Resident li joqgħod f'dar nru. 128 fi Triq Annibale Preca qed jirraporta li daħallu l-ilma d-dar, miċ-ċint tal-ġebel li jagħmel parti mill-istatwa ta' San Ġużepp li kien sar mill-Kunsill. Ir-resident jixtieq li tiġi evalwata l-ħsara li hemm u tissewwa.

82.9.17.2 Il-Kunsill innota li din l-istatwa hija proprjeta' tal-Knisja u għalhekk ser ngħaddu dan l-ilment lill-Kappillan.

82.9.18.1 **Talba biex jiżdiedu *parking bays***
Resident li joqgħod fi Triq Carmelo Farrugia qed jitlob li jiżdiedu l-*parking spaces* fl-*area* ta' Triq Carmelo Farrugia u Ħal Bordi.

82.9.18.2 Deċiżjoni li ttieħdet f'punt 82.9.9.2 tapplika għal din it-talba wkoll.

82.9.19.1 ***Talba biex isiru double yellow lines mal-ġenb tal-garaxx***
Resident, wara li tkellem ma' TM ġew f'konklużjoni li peress li l-bankina tagħlaq, il-*bollards* mhumiex jostakolaw u għalhekk TM qegħdin jirrakkomandaw li jsiru *double yellow lines* mal-ġenb tal-garaxx li jinsab fil-Housing Estate ta' Triq Sir Ugo Mifsud.

82.9.19.2 Ser terġa' tiġi spezzjonata l-*area* sabiex jiġi identifikat it-tul tad-*double yellow lines* u ssir talba għal permess ma' TM.

82.9.20.1 **Talba biex issir tabella *'Danger, Park at your own risk'***
Residenta qed titlob lill-Kunsill biex isir tabella li tgħid '*Danger, Park at your own risk'* ħdejn il-ħarruba fi Triq il-Maħlut għaliex kulħadd jipparkja taħt din il-ħarruba.

82.9.20.2 Peress li siġar tal-ħarrub huma protetti, il-Kunsill ser jikteb lid-Dipartiment tal-Agrikoltura dwar dan l-ilment sabiex jindikawlna x'passi jistgħu jittieħdu fuq dan il-periklu.

82.9.21.1 **Diversi talbiet minn residenta**
Residenta qed titlob biex terġa' titwaħħel il-mera li kien hemm mal-ħajt tal-Percius fi Triq Annibale Preca faċċata ta' *Three Villages Bar*. Din kienet twaħħlet għall-użu tal-*pedestrians*, li jkunu mixjin biex jaraw il-karozzi ġejjien. Il-Kunsill approva li terġa' titwaħħal mera.

82.9.21.2 L-istess residenta qed titlob biex jitwaħħal puġġaman mat-tarġiet biex titla' l-bankina li hemm fl-istess Triq faċċata tal-istatwa ta' San Ġużepp. Peress li hemm applikazzjoni ta' żvilupp tad-dar li hemm fil-kantuniera, il-Kunsill qabel li l-ewwel nistennew id-deċiżjoni tal-PA dwar dan l-iżvilupp.

82.9.22.1 **Petizzjoni biex titneħħa *road hump***
Ġiet innutata petizzjoni mibgħuta mir-residenti li joqgħodu fi Triq il-Kunċizzjoni biex tneħħija *road hump* li tinsab fl-istess triq.

82.9.22.2 Din il-petizzjoni ma tistax tiġi aċċettata għax kull ma' fiha firem biss. Il-Kunsill qabel li biex din il-petizzjoni tkun tista' tiġi kkunsidrata, ir-residenti għandhom iħejju ittra li turi r-raġuni li qed jagħmlu petizzjoni. Fl-istess ittra, min ser jiffirma għandu jniżżel l-isem u l-kunjom, l-indirizz, in-numru tal-identita' u firma. Mal-petizzjoni għandom jibgħatu kopja tal-karta' tal-identita'.

82.9.23.1 **<u>Diversi talbiet minn resident</u>**
Resident li joqgħod fi Sqaq Nru. 1 Triq il-Kunċizzjoni qed jitlob biex issir *'Keep Clear'* fil-parti ta' ġewwa tal-isqaq għax bil-karozzi pparkjati ma jkunx jista' jdawwar. L-*area* ser tiġi ċċekjata u jekk mhux ser jintilef *parking* napplikaw għal permess ma' TM.

82.9.23.2 Qed jistaqsi għalfejn id-*double yellow lines* fil-kantuniera tal-isqaq, li kienu approvati mill-Kunsill xi 9 xhur ilu għandhom ma sarux. Ser tiġi ċċekjata l-*area* u jiġu mmarkati d-*double yellow lines.*

82.9.23.3 Qed jitlob ukoll biex l-i*sleeping policeman* li hemm fi Triq il-Kunċizzjoni mhux talli titneħħa imma ssir oħra ftit ċentimetri aktar il'quddiem u tiġi doppja.

82.9.23.4 Qed jisuġġerixxi li l-Kunsill jagħmel parkeġġ taħt l-art fil-pjazza Transfigurazzjoni. Il-Kunsill qal li meta jkun hemm il-fondi, jkun jista' jiġi kkunsidrat dan is-suġġeriment.

82.9.24 **<u>Talba biex issir *zebra crossing* fi Triq tat-Torba</u>**
Resident qed jitlob li ssir *zebra crossing* fi Triq tat-Torba. Ser tiġi ċċekkjata l-*area* u napplikaw għal permess ma' TM.

82.9.25.1 **<u>Talba biex titneħħa jew tidjieq bankina</u>**
Resident qed jitlob biex titneħħa jew tidjieq il-bankina minn fuq żewġ naħat fi Sqaq Nru.1, Triq Sir Ugo Mifsud biex ikunu jistgħu jipparkjaw 4 karozzi minħabba lir-residenti f'dan l-isqaq żdiedu.

82.9.25.2 Din it-talba ma ġietx approvata għax il-wisa` tal-bankini qiegħdin skond il-liġi.

82.9.26.1 **<u>Talba biex tiġi rranġata parti minn Triq il-Mitħna</u>**
Residenta qed titlob biex Triq il-Mtħna, il-parti ta' quddiem id-dar tagħha tiġi *scarified* u ssir l-parti ta' quddiem il-bieb sewwa għaliex meta tagħmel ix-xita toqgħod għadira kbira u l-ilma kollu jidħol id-dar tagħha.

82.9.26.2 Il-Kunsill qabel li jinġiebu kwotazzjonijiet għax-xogħol meħtieġ biex tkun tista' tittieħed deċiżjoni.

82.9.27.1 **<u>Talba biex issir *sleeping police* u *barrier* fi Triq Annibale Preca</u>**
Resident li joqgħod fi Triq Annibale Preca (in-naħa tal-Mirakli) jixtieq li ssir *sleeping police* quddiem id-dar tiegħu u *barrier* fil-kantuniera. Dan wara li fit-13 ta' Novembru 2018, daħlu ġo arblu tad-dawl li hemm ħdejn id-dar tiegħu. F'dan l-inċident sar rapport mill-pulizija. Ir-resident iħoss li sar wisq ta' periklu li xi ħadd jidħol fid-dar bil-karrozza.

82.9.27.2 Il-Kunsill qabel li mhux ser jagħmel *sleeping police* għalissa sakemm tiġi approvata l-*one way system* u naraw kif tkun qed taħdem din is-sistema. Il-*barrier* ma ġietx approvata.

82.9.28.1 **<u>Talba biex issir kaxxa safra quddiem garaxx</u>**
Resident qed jitlob peress li issa għamel il-garaxx mad-dar tiegħu fi Triq il-Forn, il-kaxxa li għandu quddiem il-bieb minflok bajda ssir safra.

82.9.28.2 Din it-talba ġiet approvata.

82.9.29.1 **<u>*EuroMed Regional Congress* 2019</u>**
F'April 2019 ser jiġi organizzat il-*EuroMed Regional Congress* minn EGEA Malta u jixtiequ jinkludu l-komunita' ta' Ħal Lija peress li l-biċċa l-kbira tal-kungress u attivitajiet oħra relatati ser jiġu mtella' f'postijiet differenti ġewwa Ħal Lija. Għal dan il-kungress ser ikun hemm madwar 81 parteċipant Ewropej.

82.9.29.2 Il-Kunsill ser jieħu sehem billi jħallas parti mill-ispejjeż tat-trasport għall-parteċipanti biex jattendu l-attivitajiet u billi nipprovdu l-ġnien biex tittella' il-*Multi-Cutural Fair* li ser tkun parti minn dan il-kungress.

82.9.30.1 **<u>Attivitajiet għal żmien il-Milied</u>**
Ser terġa' tittella' l-attivita' tat-tqassim tar-rigali fid-djar. Din ser issir nhar il-Ġimgħa 21 ta' Diċembru

2018 mill-4.00pm l'quddiem. Ser jiġi ordnat il-karrozzin u ser jiġi ppreparat poster bid-dettalji dwar ħlas bħas-snin ta' qabel.

82.9.30.2 Ser tiġi armata parti minn Triq it-Transfigurazzjoni (minn fejn it-torri sal-pjazza) bid-dwal tal-Milied. Din ser tiġi tiswa l-Kunsill €500 għad-dwal u €12 fis-siegħa għal-kiri ta' high-up (massimu 6 siegħat) biex jintrama d-dawl.

82.9.30.3 Dawn l-attivitajiet ġew issuġeriti mill-*Minority Leader* Lorraine Farrugia. Il-Kunsill unanimament approva ż-żewġ attivitajiet.

82.9.31 **Arblu tad-dawl mgħawweġ**
Il-*Minority Leader* infurmat lill-Kunsill li fi Triq ta' Ħalmann fir-rokna (fejn hemm il-bajtra tax-xewk) hemm arblu tad-dawl mgħawweġ. L-Enemalta ser jiġu nfurmati biex jieħdu l-azzjoni meħtieġa.

82.9.32 **Arbli tad-dawl bis-sadid**
Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li hemm arbli tad-dawl bis-sadid f'Ta' Senna u fi Triq Nazju Cortis. L-Enemalta ser jiġu nfurmati biex jieħda l-azzjoni meħtieġa.

82.9.33 **Bankina mkissra**
Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li fi Triq Nazju Cortis hemm parti mill-bankina mkissra. Din ser tiġi rranġata bil-ħaddiema tal-Kunsill.

82.9.34.1 **Applikazzjonijiet għall-permessi ta' żvilupp tal-PA**
Is-Sindku ressqet lista tal-applikazzjonijiet għall-permessi ta' żvilupp tal-PA għar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

82.9.34.2 Il-Kunsill m'għandux oġġezzjoni.

## 82.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

82.10.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 11 (mehmuża) li tinkludi l-ammont ta' €17.93 bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Novembru 2018. Ir-rendikont tal-Petty Cash jinsab mehmuż.

82.10.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-*Minority Leader* Lorraine Farrugia li kien issekondat mill-Viċi Sindku Stephanie Cutajar. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

82.10.3 Il-Viċi Sindku irrimarkat li l-kontijiet tal-*telephone* qed jiġu għoljin ħafna. Għalhekk, ġie deċiż li nġibu kwotazzjonijiet ta' kumpaniji tal-komunikazzjoni oħra.

## 82.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

82.11.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.35pm.

82.11.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 20 ta' Diċembru 2018 fl-4.30pm.

Konfermati, illum il-Ħamis, 20 ta' Diċembru 2018.

**IFFIRMATA**

Magda Magri Naudi
Sindku

**IFFIRMATA**

Doriette Farrugia
Deputat Segretarju Eżekuttiv